**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 361/2009**

**Illum: 30 ta' Mejju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Emanuel Cachia**
**(ID 864054(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Emanuel Cachia ta' 54 sena, iben Anthony u Elisabeth nee` Grech, imwieled il-Pieta` fis-27 ta' Novembru 1954, residenti 3, Kwartieri San Nikola, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 864054(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' April 1999 u fit-tnax-il xahar ta' qabel din id-data:

a) Ipproduca, biegh jew xort'ohra traffika fil-pjanta mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma jispjega illi nhar it-2 ta' April 1999, certu John Gerada instab fil-pussess ta' raza u pjanta tal-*cannabis* fir-residenza tieghu gewwa Rahal Gdid. Fil-mori ta' din l-investigazzjoni, dakinhar stess tat-2 ta' April 1999, l-istess Gerada irrilaxxja stqarrija lill-pulizija li fiha huwa semma persuni li allegatament kienu fornewh bir-raza tal-*cannabis*, fosthom persuna mlaqqma bhala l-Balollu. Fl-istess jum, huwa kkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Sussegwentement, ittiehdu proceduri fil-konfront ta' Gerada, liema proceduri gew decizi definittivament fis-sena 2007. Fil-frattemp, l-Ispettur Sandro Gatt ossia l-Ufficjal Investigatur fil-kaz ta' Gerada ottjena informazzjoni fis-sens illi l-Balollu kien l-imputat odjern.[2]

Skont ix-xhud, meta l-kaz gie assenjat lilu, huwa ottjena mandat ta' tfittxija fil-konfront tal-imputat, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv[3] u interroga lill-imputat nhar it-3 ta' Frar 2009. Kif jghid l-istess xhud, a bazi tal-istqarrija li giet konfermata minn John Gerada quddiem il-Magistrat Inkwirenti, permezz tal-proceduri odjerni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' traffikar tar-raza tal-

---

[1] Permezz ta' digriet tal-15 ta' Gunju 2011, il-Qorti awtorizzat it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-korrezzjoni fl-imputazzjoni odjerna, originarjament dwar traffikar ta' droga eroina u dan sabiex din tinbidel f'akkuza ta' traffikar ta' raza tal-*cannabis* (ara a fol. 43 tal-process).

[2] Ara x-xhieda tas-Supretendent Sandro Gatt, a fol. 76 sa 84 tal-process, li jispjega x'kien instab fir-residenza ta' John Gerada nhar it-2 ta' April 1999 u dak li rrizulta mill-investigazzjoni tal-istess Gerada. Jghid ukoll l-istess Supretendent Gatt fix-xhieda tieghu illi huwa staqsa lil shabu dwar il-Balollu, li qalulu ismu u li kien minn Bormla u waslu ghall-imputat odjern. Skont l-istess Supretendent, Gerada kien ikkopera waqt l-investigazzjoni u kien anke zvela mieghu kazijiet ohrajn.

[3] In kontro-ezami, l-Ispettur Theuma jghid illi fir-residenza tal-imputat ma nstab xejn li ghandu x'jaqsam ma' droga (a fol. 121 u 122 tal-process).

*cannabis*.[4] Jirrizulta mill-atti illi c-*charge sheet* odjerna giet intavolata fir-Registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Gunju 2009.

Kif inghad, John Gerada rrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Sandro Gatt, fil-presenza tal-Ispettur Neville Aquilina nhar it-2 ta' April 1999, liema stqarrija giet ikkonfermata minnu fl-istess jum quddiem il-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona.[5] Fl-istqarrija tieghu, mistoqsi dwar id-droga li nstabet fir-residenza tieghu, Gerada jghid illi fil-jum ta' qabel, huwa nizel Bormla ghall-habta tal-11.30 a.m. u hemmhekk sab lil wiehed jghidulu l-Balollu, li kien hdejn il-gabbana li hemm hdejn il-venda. Mar fuqu, talbu sitt jew seba' bicciet *cannabis* u hallsu erbghin lira Maltin. Dawn kienu fil-hamrija u huwa rah ihaffer ghalihom. Kienu go borza u lesti gol-*foil* kif instabu mill-pulizija. Jghid illi kien ilu ghal dawk l-ahhar tliet snin jixtri minghand il-Balollu. Huwa jinzel Bormla u jinqeda minn hemm kull meta jsibu hemmhekk. Spjega li l-Balollu kellu madwar hamsa u erbghin sena, kien naqra ohxon, qasir qisu hu, kellu mustacci hoxnin u kellu xehta ta' wiehed mahmug. Ma kienx jaf x'jismu u huwa dejjem rah bil-mixi u sa fejn jaf hu ma kellux karozza.

Gerada jghid ukoll illi l-haxixa li nstabet fil-pussess tieghu kien xtraha minghand il-Libjani, ix-xatt fejn jorbot il-vapur. In kwantu l-bicca raza li nstabet fil-but tal-qalziet tieghu, din xtraha minghand wiehed jghidulu c-Ciniz, minn Bormla wkoll. Jghid illi dan gieli xtara minghandu drabi ohra u li din kienet taghmel parti minn bicca akbar li kien xtraha bil-prezz ta' Lm100. Jispjega li xtara minghand ic-Ciniz xi hames jew sitt darbiet u jghid kif u fejn kien jixtri d-droga minghandu, apparti li jaghti deskrizzjoni tieghu.

Dwar il-bicctejn blokka li nstabu fil-kcina, go *mug*, jghid illi dawn kienu ilhom ghandu madwar tliet xhur u li xtrahom minghand il-Balollu, u li fil-fatt id-droga kollha li nstabet fil-fidda kien xtraha minghand l-istess Balollu. L-istess fir-rigward tal-hames bicciet rezina li nstabu f'kaxxa zghira bajda. Jghid illi kien ilu juza l-haxixa ghall-ahhar ghaxar snin. Quddiem il-Magistrat Inkwirenti, jghid ukoll illi kien dispost li jindika lill-persuna maghrufa bhala c-Ciniz lill-pulizija. Jghid ukoll illi 'sapuna' qatt ma xtara u l-izjed li xtara kienu sitt bicciet ta' Lm10 il-wahda, li ghalihom kien ihallas Lm40 ta' kollox. Dawn kienu jkunu f'bicciet u fil-*foil*. In oltre jghid illi "*Muri r-ritratt li jiena ndikajt fost numru kbir ta' ritratti qieghed naghraf il-persuna maghrufa bhala 'Il-Balollu'.*" Dan ir-ritratt gie

[4] Ara x-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, a fol. 48 sa 50 tal-process.

[5] Vera kopja ta' din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 17 u 18 tal-process, fil-waqt illi x-xhieda tal-istess Gerada quddiem il-Magistrat Inkwirenti giet esebita a fol. 19 u 20 tal-process.

mmarkat mill-Magistrat Inkwirenti bhala Dok. JG3 u jinsab esebit a fol. 22 tal-process.

John Gerada xehed l-ewwel darba f'dawn il-proceduri fit-8 ta' Frar 2010.[6] Jghid illi f'April 1999 kienu sabulu "*naqra smoke*", ikkonferma li huwa kien qal lis-Supretendent Gatt minn fejn kien gab dik id-droga fis-sens illi kien semma l-laqam ta' din il-persuna ossia l-Balollu. Jghid illi kien qal li xtara bicctejn minghandu. Jghid illi kienu ltaqghu Bormla, imma kien ghadda z-zmien u ma kienx jiftakar ezatt. Mitlub ihares madwaru sabiex jara jaghrafx lil din il-persuna fl-awla, huwa jghid illi l-imputat jixbhu hafna. Muri r-ritratt li gie muri lilu mis-Sur Gatt, huwa jghid illi dan kien ritratt ta' dak li kien xtara minghandu ossia tal-Balollu. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk il-persuna li minghandha kien gab id-droga kinitx qeghda fl-awla, ix-xhud iwiegeb fl-affermattiv u jwiegeb bl-istess mod ukoll meta mistoqsi kienx qed jaghraf lill-imputat bhala l-persuna li taghtu d-droga. Jikkonferma li kien deher quddiem il-Magistrat Micallef Trigona u li kkonferma quddiemu l-istqarrija li rrilaxxja lill-pulizija. Jghid illi nqeda minghandu darba jew darbtejn u li xtara *smoke*. In kontro-ezami, jghid illi nesa z-zmien meta xtara d-droga in kwistjoni ghaliex kien ghadda z-zmien, li "*la naf darba qas darbtejn*", li kien xtara xi bicctejn jew tlieta izda nesa ghax kien ghadda z-zmien, li kien laqqghu haddiehor mieghu, li rah darbtejn u ma rahx izjed, ma kienx jaf x'jismu, il-laqam kien 'Belulu' jew 'Balollu', li lanqas mil-laqam ma kien cert, li l-*mobile number* tieghu qatt ma kien jafu, ma kienx jaf fejn kien joqghod u lanqas x'karozza ghandu. B'referenza ghar-ritratt meta mqabbel mal-imputat, jghid illi ghadda z-zmien, li "*dak iz-zmien tar-ritratt kien jixbhu*" u li "*qisu skond ir-ritratt. Xaghru differenti, ghadda z-zmien*". Wara li gie mwissi mill-Qorti li kien gharfu fix-xhieda tieghu, huwa jghid illi jixbhu hafna, u b'referenza ghar-ritratt jerga' jghid illi l-persuna fir-ritratt hija l-persuna li kien jixtri minghandha, li "*dak ir-ritratt jixbhu. Issa ma nafx jiena imbaghad hux*" u rega' mistoqsi jixbhux, jghid "*Ma nafx. Jiena hekk rajtu*". Meta l-Qorti gibditlu l-attenzjoni li kien qieghed bil-gurament u mistoqsi ghal darb'ohra minghand min xtara dakinhar, jghid "*Hemm ir-ritratt. Dak zgur hu*" u b'referenza ghall-imputat jghid "*Jiena qed narah jixbhu. Issa ma nafx hux. X'qed nara jiena*". Jghid ukoll "*Hemm ir-ritratt u qed tistaqsini jekk gharaftux u ghidtlek gharaftu*".

L-istess John Gerada rega' xehed f'dawn il-proceduri fl-24 ta' Ottubru 2011[7], wara li l-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni fl-imputazzjoni odjerna u ordnat in-notifika mill-gdid tal-imputat odjern. F'din ix-xhieda, huwa jghid illi flimkien ma' iehor,

---

[6] Ara din ix-xhieda a fol. 23 sa 32 tal-process.
[7] A fol. 51 sa 60 tal-process.

huwa kien xtara bicca *smoke* minghand il-Belulu u mistoqsi jgharfux, iwiegeb illi "*Ifhem jixbah lil dak imma minix cert ghax ghadda hafna zmien. Imma jaghtih lemha*" u dan b'referenza ghall-imputat u wara, ukoll b'referenza ghall-imputat, jghid "*Nahseb li dak*". B'referenza ghar-ritratt li kien gie muri lilu, huwa jghid illi l-ewwel kien gie muri ritratt li ma kienx tal-persuna li xtara minghandha, imbaghad gie muri ritratt iehor ta' persuna hoxna u qal li kien jahseb li hu. Jghid illi huwa xtara blokka ossia *cannabis* minghand il-persuna li jsemmi, il-Belulu, xi darba jew darbtejn, li kien mar ma' persuna ohra u xtara minghandu, li ma jafx fejn joqghod u li kien inqeda minghandu hdejn il-*Café` Riche,* Bormla bil-prezz ta' Lm10. Meta giet moqrija lilu l-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa jghid illi "*mhux veru. Dak jiena ma qrajtux dak l-istatement. Semma lic-Ciniz mhux veru. Ma nafux. Li ghamilt 3 snin nixtri minghand dan mhux veru lanqas. Jien ma qrajtux l-istatement. Jiena qalli ffirma u ffirmajt. Ma qrajtx x'hemm jiena*", ghalkemm gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija. Muri r-ritratt a fol. 22 tal-process, ix-xhud jghid "*iva qisu hux. Minghand dan*", "*Qisu dan hux. Il-Belulu*", b'referenza ghal dak li nqeda minghandu. Jerga' jghid illi mhux minnu li dam tliet snin jixtri minghandu u li xtara minghand ic-Ciniz. Jghid illi ma jiftakarx jekk kienx ikkonferma l-istqarrija bil-gurament u li hu kien qallu (lill-Ufficjal Prosekutur) li ma riedx jixhed. Id-deposizzjoni tieghu giet sospiza.

John Gerada rega' xehed fit-12 ta' Marzu 2012.[8] Jerga' jghid illi lis-Supretendent Gatt kien semmielu laqam u mistoqsi jekk fl-awla jaghrafx lil xi hadd li minghandu kien jixtri r-raza tal-*cannabis*, huwa jghid "*Lil dak hux*" b'referenza ghall-imputat. Jghid illi dan kien imlaqqam il-Belullu. Jghid illi xtara minghandu xi darba jew darbtejn, fuq perjodu qasir, forsi xahar. Id-deposizzjoni giet sospiza.

John Gerada kompja jixhed fil-11 ta' Lulju 2014.[9] Huwa jghid illi kien inqabad b'naqra *smoke* ossia raza tal-*cannabis,* li l-kaz kien ilu izjed minn ghaxar snin, li huwa kien semma laqam lis-Supretendent Gatt – "*Belulu jew Balollu jew xi haga hekk*" - u b'referenza ghar-raza li sabulu fir-residenza tieghu, jghid illi kien xtara bicca minghand il-Belulu. Mistoqsi jaghrafx lill-Belulu, huwa jghid "*Ifhem mija fil-mija minix, jidher li l-akkuzat imma minix mija fil-mija. Ghadda z-zmien*". Jghid illi kienu wrewh ritratt ta' dak li kien xtara minghandu, li ghall-ewwel urewh ritratt ta' wiehed irqiq u huwa qalilhom li ma kienx hu ghax dan kien ohxon u xaghru goffa, bid-daqna u mbaghad uriehom min kien. Muri r-ritratt a fol. 22 tal-process, jghid illi qisu l-istess ritratt li wrewh, jghid illi jixbhu hafna imma kien minghalih li kellu xaghru hafna izjed goffa. Dwar ir-ritratt, huwa kien qal lill-

8 A fol. 62 sa 64 tal-process.
9 A fol. 91 sa 108 tal-process.

pulizija li kien il-Belulu ossia dak li xtara minghandu bicca blokka tal-*cannabis*. Gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija. Dwar ir-ritratt jghid ukoll illi stante li kien ghadda z-zmien, huwa ma jistax jghid illi hmistax-il sena qabel ra dak ir-ritratt, li ma kienx jiftakru, izda jekk huwa ghamel stqarrija dwar dak ir-ritratt, "*dak hu mela*". Wara li l-istqarrija giet moqrija lilu, huwa jghid illi "*Ifhem minghand dan, minghand il-Balollu, jekk xtrajt, darba xtrajt. Jien kont nixtri minghand min insib*". Meta ingibdet l-attenzjoni tieghu illi fl-istqarrija tieghu, huwa qal illi kien ilu jixtri tliet snin minghandu, huwa jwiegeb illi dak iz-zmien inqabad bl-i*smoke*, kien ghadu zghir u kien jixtri minghand min isib, "*pero` minghand dan jekk inhu l-istess persuna tar-ritratt, jekk xtrajt darba xtrajt. Infatti ghidtha diga` li darba xtrajt minghandu*" u "*ghax tant ma niftakrux il-bniedem*". Jghid illi hmistax-il sena qabel kien ghadu zghir, inqabad l-ewwel darba u li "*tghid hafna affarijiet bil-biza' li jkollok*". Mistoqsi allura jekk kienx qed jghid illi kienet dik id-darba biss meta nstabitlu d-droga li kien xtara minghand Emanuel Cachia, il-Balollu, huwa jwiegeb illi "*jekk xtrajt minghand dak, darba xtrajt biss"* u li xtara bicca ta' Lm10. Dak li kien jiftakar, apparti li kien jiftakar dak li kien qal li l-Balollu kien gab id-droga mill-hamrija. Jghid illi ma gie avvicinat minn hadd dwar dan il-kaz. Jghid ukoll illi ma jiftakarx x'qal fl-istqarrija u dwar id-diskrepanzi li gew indikati lilu, jghid illi ma jiftakarx ghaliex ghadda z-zmien, li kien ipejjep hafna u mohhu faqghu.

L-istess John Gerada xehed in kontro-ezami fil-21 ta' April 2015[10]. Mistoqsi kif kien jaf lill-imputat minn Bormla, jghid illi min ipejjep il-haxixa jistaqsi u li lill-imputat rah darba, li staqsa ghalih, mar u xtara minghandu. Jghid illi mar Bormla u staqsa minn fejn seta' jixtri bicca *smoke* u rreferewh lilu. Dak li rreferih ghandu kien minn Hal-Qormi u llum mejjet. Jispjega illi huwa kien staqsa minn fejn ser jixtri u baghtuh Bormla jistaqsi ghall-Balollu. Mar fil-post fejn qalulu. Qalulu li faccata tal-Café` Riche, hemm gnien u li dan ikun hemmhekk fuq bank.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[11] Huwa jghid illi kienet saret tfittxija fir-residenza tieghu fl-assenza tieghu, ghalkemm ohtu kienet prezenti, waqt liema tfittxija ma nstab xejn. Wara mar ikellem lill-Ispettur Theuma ghaliex kien sab ittra fil-*letter box* f'dan is-sens. Jghid illi lil Gerada ma jafux u l-ewwel darba li kien rah kien fil-Qorti u li ma kienx minnu li Gerada kien xtara l-*cannabis* minghandu. Ma jaf xejn fuq Gerada ghax ma jafux. Jghid ukoll illi lilu jghidulu 'il-Balulu' mhux 'il-Balollu'. Ma jafx min hu 'l-Balollu'. Jghid illi kien ikun il-venda ta' Bormla dak iz-zmien, izda ma kienx ihaffer fil-hamrija. B'referenza

[10] A fol. 113 sa 120 tal-process.
[11] A fol. 126 sa 141 tal-process.

ghall-venda jghid illu huwa post kbir u miftuh, li hemm qisu gnien u li din tinsab faccata tal-Café Riche. Wara jghid illi huwa ma kienx ikun il-venda, izda li kien hemm gabbana u kien imur jiehu xi te` jew xi *Coca* minn hemm. Il-venda kienet faccata. Il-gabbana ma kinitx fuq l-istess naha tal-*Café Riche*, imma faccata tal-Kunsill ta' Bormla. Kien hemm id-distanza bejn il-venda u l-gabbana. Jinnega illi Gerada xtara l-haxixa minghandu u jghid illi lanqas jafu u illi qatt ma qeda lil hadd. In kontro-ezami jghid ukoll illi qatt ma ra lil Gerada f'dawk l-inhawi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

F'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti ossia dik tax-xhud John Gerada, li jghid illi huwa akkwista r-raza tal-*cannabis* minghand 'il-Balollu' u dik tal-imputat odjern li jinnega li huwa qatt biegh xi *cannabis* lil Gerada jew li kien jafu. Ix-xhieda ta' John Gerada hija l-unika prova li ngabet fil-konfront tal-imputat f'dawn il-proceduri, u ghalhekk l-imputat gie imressaq sabiex iwiegeb ghall-imputazzjoni odjerna esklussivament a bazi tal-istqarrija guramentata rilaxxjata mix-xhud John Gerada ghaxar snin qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-istess imputat.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ossia John Gerada. Skont l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne</u>**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skont l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun

involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Fl-ewwel lok irid jinghad illi huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza lokali illi l-istqarrija tal-imputat, la darba mehuda fi zmien meta huwa ma kellux il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu u effettivament huwa ma nghatax dan il-jedd, hija inammissibbli bhala prova u ghalhekk qeghda tigi skartata.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija guramentata u x-xhieda moghtija minn John Gerada f'dawn il-proceduri. Dan il-kaz igib mieghu diffikultajiet evidenti in konsegwenza tal-fatt illi kif inghad, il-proceduri odjerni kontra l-imputat gew intavolati ben ghaxar snin wara li l-uniku xhud ossia John Gerada rrilaxxja stqarrija guramentata li fiha huwa indika lill-persuni li minghandhom kien jakkwista r-raza tal-*cannabis* fosthom lil certu Balollu, li ismu ma kienx jafu. Huwa evidenti mix-xhieda ta' Gerada fuq riprodotta, illi hemm diskrepanzi lampanti bejn dak li huwa jghid originarjament fl-istqarrija guramentata tieghu u dak li jghid sussegwentement fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri u dan b'mod partikolari fir-rigward tan-numru ta' drabi li huwa jghid li xtara r-raza tal-*cannabis* minghand il-Balollu, kif ukoll rigward il-kwantita` tar-raza li jghid li xtara u l-prezz, apparti li hemm ukoll diffikultajiet dwar l-identifikazzjoni tal-imputat da parti tal-istess Gerada, diffikultajiet dawn tal-ahhar li wiehed jistennihom wara trapass ta' tant zmien.

Issa ghalkemm il-Qorti tista' tistrieh esklussivament fuq l-istqarrija ta' Gerada, kif ikkonfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti *a tempo vergine,* biss fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra li timplika lill-imputat odjern, ghajr illi verament huwa kien ikun hdejn il-gabbana vicin il-venda ta' Bormla u li huwa kien imlaqqam 'il-Balulu', kif jghid fix-xhieda tieghu l-istess imputat, jehtieg illi l-Qorti tezamina l-karatteristici tax-xhieda tal-istess Gerada anke f'dawn il-proceduri, kif indikati fl-artikolu 637 tal-Kodici Krimini li ghalih saret referenza izjed 'il fuq. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma tistax ma tinnotax l-inkonsistenza fix-xhieda ta' Gerada, b'mod partikolari, kif inghad, meta fil-waqt illi originarjament Gerada jghid illi kien ilu ben tliet snin jixtri r-raza tal-*cannabis* minghand il-Balollu, matul ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, jghid illi kien xtara darba jew darbtejn, u addirittura illi jekk kien xtara minghandu, xtara darba biss. Fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri, jirrifjuta mhux biss dak li kien qal originarjament

dwar il-medda taz-zmien li fiha kien xtara r-raza minghand 'il-Balollu', izda wkoll li huwa kien indika lil certu 'Ciniz' bhala fornitur iehor tieghu tar-raza tal-*cannabis*. Il-Qorti qed tqis ukoll illi huwa ferm normali f'kawzi ta' droga illi xhud jirritratta lura minn dak li jkun qal originarjament, anke ghal ragunijiet ovvji, fosthom illi fil-proceduri, xhud jixhed fil-presenza tal-allegat fornitur tieghu, kuntrarjament ghal xhieda quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn allura l-istess allegat fornitur ma jkunx prezenti, apparti illi t-trapass taz-zmien teffetwa b'mod naturali l-memorja ta' xhud ukoll, u b'dan biss ma jfissirx illi l-Qorti ma tistax issib htija jekk tikkonkludi, fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux fix-xhieda li tinghata matul il-proceduri. Biss f'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccjata wkoll b'dubju dwar l-identifikazzjoni tal-imputat odjern bhala l-persuna originarjament indikata minn Gerada f'ritratt esebit fl-atti, li kienet tfornih bir-raza tal-*cannabis*. Ghalkemm f'mumenti minnhom fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, Gerada jidentifika lill-imputat bhala l-istess persuna li huwa indika fir-ritratt li kien gie muri lilu mill-pulizija u bhala l-persuna li fornietu bir-raza tal-*cannabis*, madankollu f'partijiet ohra tax-xhieda tieghu u dan anke sa mill-bidunett tal-proceduri, l-istess Gerada jghid biss illi l-imputat jaghtih lemha, li jixbhu, li qisu hu imma ma jafx ghax ghadda z-zmien, li jahseb li hu u finalment anke li jixbhu izda mhuwiex cert mija fil-mija dejjem minhabba t-trapass taz-zmien. Meta l-Qorti tqis illi Gerada kien originarjament gharaf lill-fornitur tieghu sempliciment fuq ritratt u indikah b'laqam ghaliex ma kienx jaf ismu, u illi gie biex jidentifika lill-imputat ghaxar snin wara, fejn f'mumenti minnhom gharfu izda f'mumenti ohrajn, seta' jghid biss li jixbhu jew jaghtih lemha ghaliex kien ghadda hafna zmien u ghalhekk ma setax ikun cert, ma tqisx illi jkun *safe and satisfactory* li, a bazi ta' din ix-xhieda biss, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghalhekk, il-Qorti ma tqisx illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet sodisfacentement ippruvata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat